Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 23/17

**AVVIŻI**

**4 ta' Ġunju 2017**

Nhar il-Ġimgħa 9 ta' Ġunju sa jsir it-tindif tad-dar parrokkjali l-ġdida qabel ma ssir l-inawgurazzjoni f'jum il-festa. Għandna bżonn l-għajnuna ta' xi voluntiera li jistgħu jagħtu daqqa t'id. Niltaqgħu fit-8.30am.

Nhar il-Ġimgħa 9 ta' Ġunju, l-Arċidjoċesi qed torganizza kunċert mill-kor tal-*Cappella Sistina* li jkanta fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi tal-Papa. Għal aktar dettalji wieħed jista' jara l-posters fil-*noticeboards tal-Knisja.*

Nhar is-Sibt 10 ta' Ġunju sa jsir irtir għat-tfal tal-ewwel tqarbina fil-Knisja ta' San Mikiel. Nitilqu minn ħdejn il-ground tal-futbol fid-9.15am. Nitolbu għal dawn iċ-ċkejknin biex jagħrfu l-imħabba ta' Ġesù għalihom.

Nhar il-Ħadd 11 ta' Ġunju l-membri tal-Kumitat Festa sa jagħmlu l-aħħar ġabra bieb bieb għall-festa titulari ta' din is-sena. Nirringrazzjawkom tal-għajnuna kemm finanzjarja u anki bil-koperazzjoni tar-residenti waqt l-armar. Nappellaw għal aktar għajnuna u kollaborazzjoni. Nirringrazzjaw lil dawk li joffru ħinhom biex jorganizzaw il-festa u attivitajiet oħra li jsiru fil-parroċċa.